**19 ta' April, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

John Soler

*verses*

Anthony Camilleri ne.

**Dazju — Rifużjoni — Ripetizzjoni.**

*L-allegazzjoni illi, meta d-dazju jitħallas mingħajr ebda protesta dak il-ħin stess, id-dazju ma jistgħax jiġi rifuż taħt ebda ċirkustanza, ma hux korrett.*

*Fil-Liġi tad-Dwana ma hemm ebda dispożizzjoni preċiża u "ad hoc" illi, meta jitħallas dazju mhux dovut, dan ma jistgħax jiġi rifuż lill-kontribwent; u għalhekk jirċevu applikazzjoni r-regoli komuni.*

*Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Doganali ġew dettati mhux biss biex minn naħa waħda jiġu evitati operazzjoni li jiffrodaw l-erarju, imma anki biex minn naħa l-oħra ma jsir xejn arbitrarju għad-dannu tal-kontribwent. U l-liġijiet tributarji ma għandhomx jiġu nterpretati la kontra l-kontribwent u lanqas kontra l-erarju, imma skond l-ispiritu u l-ittra tal-istess liġijiet, meqjusin skond ir-regoli tal-ermenewtika grammatikali u loġika; biss fid-dubju għandhom pjuttost jiġu r'żoluti affermattivament, peress li "in materia gabellarum" hemm il-konsiderazzjoni tal-utilità publika.*

*Ma hemmx dubju li għandu jiġi aċċettat il-prinċipju illi, meta d-dazju jkun ġa tħallas bla protesta, u l-ħaġa suġġetta għad-dazju tkun ġiet maħruġa mill-kontroll doganali, allura d-dazju mhux r'petibbli; għall-kuntrarju, jekk ikun tħallas id-dazju bi protesta, dak il-ħlas jekwivali għal depożitu, u fil-każijiet kongruwi s-somma mħallsa tista' tkun ripetibbli.*

*Iżda dan il-prinċipju ma jistgħax 'kun assolut; għaliex jirċievi l-limitazzjoni tiegħu mill-istess "ratio decidendi" li fuqha ħu bażat. U tabilħaqq, il-każijiet jistgħu jkunu divers', u jista' jagħti l-każ li ċ-ċirkustanza li l-ħaġa tkun ħarġet mill-kontroll doganali ma tagħti lok għal ebda potenzjalità ta' aġir frawdolent, u f'każ simili tiġi nieqsa r-"ratio decidenti" ta' dak il-prinċipju.*

*Għaldaqstant, jekk dazju jitħallas bla protesta, l-istess hu ripetibbli, jekk mhux dovut, anki fil-każ li l-oġġetti li fuqhom ikun tħallas ikunu ġew ritirati mill-kontribwent, kemm il-darba l-fatt li l-oġġetti ġew maħruġa mill-kontroll tad-Dwana ma' jaffetta bl-ebda mod ir-reklam għar-rifużjoni tad-dazju; għaliex, ħarġu jew ma ħarġux mill-kontroll tad-Dwana, dawk l-oġġetti jibqgħu dejjem li kienu meta ġew ritirati mid-Dwana, u l-valur tagħhom jibqa' l-istess, ħarġu jew ma ħarġux.*

**Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attur miġjuba quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jirrifondilu dik is-somma li tiġi likwidata bħala eċċess ta' dazju mħallas mill-attur, li ma teċċedix £5; bl-ispejjeż;**

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Frar 1958, li biha laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' 11s.9d.; bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut jissottometti illi,. meta d-dazju jitħallas mingħajr ebda protesta dak il-ħin stess, kif ma hux kontestat li sar, dan ma jistgħax jiġi rifuż taħt ebda ċirkustanza, u għamel riferenza għal żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell, waħda mogħtija fis-16 ta' Jannar 1950 in re "Farrugia vs. Agius", u l-oħra fis-27 ta' April 1921 in re "Parlato vs. Briffa";

Illi fil-kawża "Farrugia vs. Agius" id-dazju kien ġie mħallas bi protesta, u għalhekk l-eżami tal-Qorti ma kienx jinvesti l-kwistjoni proprjament tar-ripetibbilità tad-dazju; iżda dik il-Qorti inċidentalment osservat illi, kieku d-dazju ma kienx ġie hekk imħallas, talba simili kienet tkun "ipso facto" miċħuda, fuq l-iskorta tal-prinċipju traċċjat fis-sentenza "Parlato vs. Briffa". Dik il-Qorti osservat ukoll illi, meta fil-liġijiet tributarji ma jkunx hemm dispożizzjoni "ad hoc" u espressa fuq xi kwistjoni jew suġġett kontrovers, allura jkun meħtieġ li tiġi applikata r-regola komuni; għaliex id-devjazzjoni minn norma komuni tkun impliċitament timporta alterazzjoni *tad-dogma* tal-ugwaljanza li l-partijiet għandhom fir-regolament tal-interessi tagħhom, u b'dan il-mod iċ-ċittadini jkunu assikurati li jkollhom ġustizzja kontra l-amministrazzjoni u l-amministratur tad-demanju publiku;

Illi fil-kawża "Parlato vs. Briffa", li fuq l-awtorità tagħha s-sentenza fuq ċitata kienet enunċjat il-prinċipju tan-non-ripettibbilità tad-dazju mħallas, id-ditta "Parlato kienet impurtat btieti tat-tabakk, u, wara li ġie mħallas id-dazju, u waħda mill-btieti kienet ġiet ritirata mid-Dwana, mingħajr ma saret ebda verifika tal-kontenut tagħha, dik id-ditta kienet ippretendiet li dik il-bettija kienet tikkontjeni in parti trab, u talbet rifużjoni ta' parti mid-dazju. Dik il-Qorti kienet osservat "che non poteva accogliersi analogia di dimostrazione di vizio, dal momento che la

verifica della merca in quistione non si era fatta quando la stessa era ancora sotto il controllo della dogana." Formalità, din, tal-verifika fid-Dwana, li fil-kliem tal-Qorti "valesse a garantire ed assicurare il pagamento del dazio, ed, evitare così da un lato le frodi a danno del fisco e dall'altro l'arbitrio a danno del contribuente";

Illi fil-Liġi tad-Dwana ma hemm ebda dispożizzjoni preċiża u "ad hoc" illi, meta jithallas id-dazju mhux dovut, dan ma jistgħax jiġi rifuż lill-kontribwent; u għalhekk jirċievu applikazzjoni r-regoli komuni. Lanqas dan il-prinċipju ma jista' jiġi deżunt minn dak li qalet is-sentenza "Parlato vs. Briffa", illi, "salva la facoltà al Governatore coll'articolo 31 dell'Ord. VII del 1909 (il-lum Kap. 60 art. 29), la legge non attribuisce al Collettore la facoltà di rimettere il dazio dovuto, o restituirlo se già pagato, se non per gli effetti esistenti in deposito, o dichiarati per essere ammessi a deposito oppure per esserne esportati, quando tali effetti si perdessero, ecc."; għaliex dawn il-każi huma remissjoni ta' dazju regolarment dovut, u mhux f'każ li d-dazju ma jkunx dovut skond il-liġi; u fil-prattika jingħataw każi fejn il-Kollettur irrifonda dazju mħallas meta kien persważ li dak id-dazju ma kienx dovut;

Illi l-każ in eżami għandu fattispeċje totalment diversi minn dawk tal-każ "Parlato vs. Briffa". Infatti, l-oġġetti ġew regolarment verifikati mill-uffiċjal tad-Dwana, li fuq ir-rivevuta tad-dazju indika li kienu "E.P.N.S. Spoons"; u għalhekk il-possibbiltà tal-frodi da parti tal-kontribwent, jew dik li ma tkunx tista' tiġi assikurata l-identità tal-oġġetti sdazjati, ma tistgħax, lanqas remotament, tiġi prospettata. Għalhekk, il-fondament li fuqu ġie sanċit, fil-kawża "Parlato vs. Briffa", li d-dazju ma jistgħax jiġi rifuż, f'din il-kawża ma jeżistix. Inveċe, l-uffiċjal tad-Dwana, wara l-verifika tal-kuċċarini, billi fuq il-pakk kien jingħad li huma "without value', jew kliem ekwipollenti, iffissa arbitrarjament il-valur tagħhom bħala £2.4.0. U jingħad "arbitrarjament", għaliex il-mod kif għandu jiġi stabbilit il-valur tal-oġġett importat huwa traċċjat fl-art. 5 tal-Kap. 122, u f'dan il-każ huwa evidenti illi dan il-kost ma ġiex fissat la fuq il-valur indikat f'"invoice" ġenwin, u anqas fuq l-"actual market value" tagħhom, billi l-valur ta'

£2.4.0 ta' sitt kuċċarini E.P.N.S. jidher grossolanament sproporzjonat għal dak reali, anki kieku kienu tal-fidda. F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa evidenti illi d-dazju, kwantu għall-eċċess, ma kien qatt dovut, u għandu jiġi rifuż jekk ġie mħallas bi żball minn għand it-tifel tal-attur;

Illi, kwantu għall-likwidazzjoni tal-eċċess, il-partijiet jaqblu li l-valur tal-kuċċarini huwa ta' 18s.6d., u li l-percentwali tad-dazju huma ta' 45%; u għalhekk id-dazju li kien realment dovut kien ta' 8s.3d., b'eċċess ta' 11s.9d.;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut nomine, u ċ-ċitazzjoni li biha hu talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, għandu jingħad illi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Doganali ġew dettati mhux biss biex minn naħa waħda jiġu evitati operazzjonijiet li jiffrodaw l-erarju, imma anki biex minn naħa l-oħra ma jsir xejn arbitrarju għad-dannu tal-kontribwent. Il-liġijiet tributarji ma għandhomx jiġu nterpretati la kontra l-kontribwent u lanqas kontra l-erarju, imma skond l-ispiritu u l-ittra tal-istess liġijiet, meqjusin skond ir-regoli tal-ermenewtika grammatikali u loġika. Fid-dubju, għandhom pjuttost jiġu riżoluti affermativament, peress li "in materia gabellarum" hemm il-konsiderazzjoni tal-utilità publika;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li għandu jiġi aċċettat bħala prinċipju illi, meta d-dazju jkun ġa tħallas bla ebda protesta, u meta l-ħaġa suġġetta għad-dazju tkun ġiet maħruġa mill-kontroll doganali, allura d-dazju hu irrepetibbli. Divers hu l-każ meta d-dazju jkun ġie mħallas taħt protesta; għax f'dan il-każ, dak il-ħlas jekwivali għal depożitu, u fil-każijiet kongruwi s-somma mħallsa tista' tkun ripetibbli;

Il-prinċipju fuq imsemmi, però, ma jistgħax ikun asso-

lut; għaliex jirċievi l-limitazzjoni tiegħu mill-istess "ratio decidendi" li fuqha hu bażat;

Infatti, il-każijiet jistgħu jkunu ta' xorta diversa. Jista', per eżempju, jagħti l-każ (bħal ma kien dak "Parlato vs. Briffa nomine", App. 27 ta' April 1921), li tasal partita tabakk, l-importatur iħallas bla protesta d-dazju fuqha, il-partita ma tiġix verifikata waqt li tkun taħt il-kontroll tad-Dwana, mbgħad, meta tiġi rtirata u verifikata mill-importatur, dan isib li parti minnha ma kienetx tabakk, imma spazzatura. Hu ċar li, f'każ simili, id-dazju hu irripetibbli; għaliex altrimenti jiġi miftuħ l-aditu għall-frodi innumerevoli, billi allura l-importatur jista' faċilment, sabiex jirkupra parti mid-dazju mħallas, jarkitetta avarijI u nuqqas li l-awtorità doganali ma tistgħax aktar tikkontrolla, għax il-merċi tkun ġiet maħruġa minn taħt il-kontroll tagħha;

Jista', però, jagħti l-każ li ċ-ċirkustanza li l-ħaġa ġiet maħruġa ma jagħti lok għal ebda potenzjalità ta' aġir frawdolenti; u f'każ simili tiġi nieqsa r-"ratio decidendi" ta' dak il-prinċipju. U dan hu appuntu l-każ attwali;

Fil-fattispeċje ta' din il-kawża, id-dazju tħallas bla protesta mit-tifel tal-attur, bla ma kien jaf huwa. Si trattava ta' sitt kuċċarini E.P.N.S., u dawn ġew dikjarati bħala tali, u dik id-dikjarazzjoni ġiet aċċettata mill-awtorità doganali, kif jidher mid-dokument fol. 6 tal-proċess. Issa, l-attur mhux qiegħed jallega li l-kuċċarini ma kienux sitta imma naqas, u lanqas qiegħed jallega li kienu ta' valur anqas għax avarjati, imma qiegħed jallega sempliċement li l-valur li ġie kalkulat mid-Dwana, u li fuqu tħallas id-dazju, kien eċċessiv. Issa, hu ovvju li dan ir-reklam ma hux bl-ebda mod affettat miċ-ċirkustanza li l-kuċċarini ġew maħruġa mill-kontroll tad-Dwana; għaliex, ħarġu jew ma ħarġux, jibqgħu dejjem sitt kuċċarini, u sitt kuċċarini tal-"electro plate nickelled silver". Il-valur tagħhom hu l-valur ta' sitt kuċċarini E.P.N.S., ħarġu u ma ħarġux mid-Dwana;

Kien ikun divers il-każ, kieku, avvolja ġew dikjarati x'inhuma, eppure kienu oġġetti tali li jista' jkun hemm

varjetajiet diversi tagħhom, bħal, per eżempju, kieku ġew dikjarati "boots" jew "shoes", li hemm diversi klassifikazzjonijiet tagħhom b'ammont ta' dazju korrispondentement varjabbli. Imma "silver plated ware" ma jagħtix lok għal din id-diffikultà ta' aċċertament, meta l-oġġetti ġew dikjarati u aċċettati mid-Dwana bħala sitt kuċċarini E.P.N.S.;

Għalhekk kien hemm lok għar-ripetizzjoni tal-eċċess kif misjub mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi, u dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut nomine, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut nomine.